# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 8 ta' April 2025**

**Numru: 14**

**Rikors numru: 139/2022 JPG**

**AB**

**v.**

**CD**

Dan huwa appell tal-konvenut minn sentenza tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Familja, mogħtija nhar it-3 ta' Ottubru, 2024 f'kawża dwar minuri mwieled barra ż-żwieġ, li permezz tagħha, fost l-oħrajn, il-kura u l-kustodja tal-minuri ġiet mogħtija esklussivament lill-omm, inkluż l-awtorità li waħedha tieħu deċiżjonijiet dwar il-minuri sew ta' natura ordinarja kif ukoll ta' natura straordinarja; u ordnat il-ħlas ta' manteniment futur kif ukoll il-ħlas ta' arretrati ta' manteniment wara li ċaħdet l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni kwinkwennali sollevata mill-konvenut.

**Preliminari.**

1. Fil-21 ta' Marzu, 2010 AB (l-Attriċi), meta kellha ħmistax-il sena, weldet iben, D, minn relazzjoni ma' CB (l-Konvenut). Il-minuri ġie reġistrat bħala b'missier mhux magħruf.

2. B'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fit-20 ta' April, 2012, il-konvenut ġie misjub ħati li b'għemil żieni kkorrompa lill-attriċi, persuna taħt l-età, u ġie kkundannat għal sentejn priġunerija, sospiżi għal erba' snin. Appell tal-konvenut minn dik is-sentenza ġie eventwalment dikjarat deżert.

3. Fl-2021 l-attriċi fetħet kawża kontra l-konvenut sabiex jiġi dikjarat missier il-minuri. Rinfaċċjat b'dik il-kawża, il-konvenut irrikonoxxa lill-minuri bħala ibnu.

4. Fl-2022 l-attriċi fetħet din il-kawża. Fir-rikors promotur ippremettiet li l-konvenut qatt ma wera interess fil-minuri tant li qatt ma ħallas manteniment għal ibnu u qatt ma kkontribwixxa lejn spejjeż edukattivi, mediċi u extra-kurrikulari allavolja qatt ma kien hemm dubju dwar il-paternità. Għalhekk talbet lill-Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Familja (l-Ewwel Qorti) sabiex:

"1. Tillikwida u tikkundanna lill-intimat iħallas lill-attriċi dik is-somma li tiġi likwidata in linea ta' manteniment għat-tifel minuri TCX okkorrendo b'opera ta' periti nominandi, u tordna li tali manteniment għandu jitħallas regolarment kull erba' (4) ġimgħat.

2. Tillikwida u tordna li l-imsemmi manteniment ikopri l-ispejjeż ta' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri;

3. Tillikwida somma li għandha tirrifletti dak li kien ikollu jħallas l-intimat mid-data tat-twelid tat-tarbija TCX (mil-21 ta' Marzu 2010) sad-data tas-sentenza effettiva 'per diem' in linea ta' manteniment għall-imsemmi minuri TCX bl-imgħaxijiet legali skond il-liġi u tikkundanna lill-istess intimat iħallas lill-attriċi tali somma hekk likwidata fi żmien qasir u perentorju;

4. Tordna li l-minuri għandu jirrisjedi b'mod permanenti mal-attriċi ommu;

5. Tafda l-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri TCX f'idejn l-attriċi, b'dana illi d-deċiżjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u ċioe` dawk ta' edukazzjoni, saħħa, attivitajiet extra-kurrikulari u deċiżjonijiet dwar il-ħruġ o meno ta' passaport, jittieħdu esklussivament mir-rikorrenti waħidha mingħajr ħtieġa tal-firma tal-intimat jew il-presenza tiegħu;

6. Tagħti dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni li jikkonċernaw l-aċċess tal-minuri TCX favur l-intimat FC."

5. Il-konvenut oppona t-talbiet attriċi billi ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

i. "Li kien reċenti li huwa rrikonoxxa li kien missier il-minuri wara li l-attriċi istitwit kawża ta' paternita'

ii. Li l-attriċi qatt ma għamlet sforz qabel l-2021 sabiex il-minuri jiġi rikonoxxut;

iii. Illi kienet l-attriċi flimkien mal-ġenituri tagħha li għamlu minn kollox sabiex jeskluduh mill-ħajja tal-minuri;

iv. Illi l-manteniment għandu jirrifletti l-introjtu tiegħu;

v. Illi l-konvenut mhux f'posizzjoni li jħallas il-miżata ta' skola privata fejn jattendi l-minuri li intgħażlet esklużżivament mill-attriċi;

vi. Illi joġġezzjona li jħallas għal attivitajiet extra-kurrikulari magħżula esklużżivament mill-attriċi għaliex mhuwiex f'posizzjoni li jħallas nofshom;

vii. Illi joġġezzjona li jħallas l-arretrati ta' manteniment sa mit-twelid minħabba li r-rikonoxximent seħħ fis-sena 2021; li ġie eskluż mill-attriċi u l-familja tagħha mill-ħajja tal-minuri; u li bejn il-partijiet hemm kwistjoni li tmur lura sa mis-sena 2008;

viii. Illi filwaqt li ma joġġezzjonax li l-minuri jirrisjedi mal-attriċi, joġġezzjoni li l-kura u kustodja tkun affidata esklussivament f'idejn l-attriċi peress li dan ikun ifisser li l-irwol tiegħu fil-ħajja tal-minuri jkun li jħallas għal kapriċċi tal-attriċi.

ix. Illi jaqbel li jkollu aċċess għall-minuri."

6. B'<u>sentenza tat-3 ta' Ottubru, 2024</u> l-Ewwel Qorti ddeċidiet kif isegwi:

"1. Tilqa' l-ewwel talba u tordna li l-intimat missier iħallas lill-attriċi lammont ta' mitejn u ħamsin ewro (€250) kull xahar bħala manteniment għall-minuri TCX li għandu jibqa' jitħallas skond il-liġi u ċioe sakemm ilminuri jagħlaq it-tmintax (18)il sena. Kemm-il darba l-minuri jkompli jistudja fuq bażi full-time, l-manteniment għandu jkompli jitħallas saleta' ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm il-minuri jittermina l-istudji tiegħu skont liema tavvera ruħha l-ewwel;

2. Tiċħad limitatament it-tieni talba u tordna illi l-ispejjeż ta' saħħa, edukazzjoni u dawk relatati mal-attivitajiet extrakurrikulari għandhom jibqgħu jitħallsu kif ordnat bid-digriet tat-13 ta' Jannar 2023 u cioe':

• "Tilqa' din it-talba u tordna illi intimat iħallas is-somma ta' mitejn u hamsin Ewro (€250) fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri TCX u tordna illi l-manteniment dovut ghandu jizdied skond l-indici tal-gholi talhajja kull sena;

• Tordna illi l-ispejjes ta' sahha, edukazzjoni u dawk relatati mal-attivitajiet extra-kurrikulari ghandhom jithalsu bil-mod segwenti:

• L-attrici ghandha tibqa' thallas l-mizati tal-iskola privata b'mod esklussiv, b'dana illi l-ispejjes relatati max-xiri tal-kotba tal-iskola, stationary, u uniformi ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet u dana fuq prezentata tad-debiti ricevuti.

• Il-privat tal-Maths fis-somma ta' erbghin Ewro (€40) kull xahar ghandu jithallas unikament mill-intimat.

• Illi fir-rigward tal-attivitajiet extra-kurrikulari bhal basketball u l-gym sessions, dawn ghandhom jithallsu b'mod ugwali mill-partijiet.

• Fir-rigward tal-ispejjes medici, il-Qorti tordna illi spejjes bazici bhal xiri ta' medicinali, ghandhom jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet, b'dana illi in vista tal-fatt li l-attrici minn rajha harget polza ta' assigurazzjoni

medika ghal-minuri, din ghandha tkun a karigu taghha ghar-ragunijiet fuq indikati."

3. Tilqa' it-tielet talba u tordna lill-intimat missier iħallas l-ammont ta' erbgħa u tletin elf, sebgħa mija u ħamsin (€34,750) bħala arretrati ta' manteniment dovuti mid-data tat-twelid tal-minuri TCX. Dan l-ammont għandu jitħallas f'pagamenti mensili ta' mitejn u ħamsin (€250);

4. Tilqa' r-raba' talba u tordna li r-residenza primarja tal-minuri ghandha tkun mal-attriċi omm fl-ahjar interess tal-minuri;

5. Tilqa' l-ħames talba u tafda l-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri TCX f'idejn l-attriċi, b'dana illi d-deċiżjonijiet kollha li jirrigwardaw lillminuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u ċioe` dawk ta' edukazzjoni, saħħa, attivitajiet extrakurrikulari u deċiżjonijiet dwar il-ħruġ o meno ta' passaport u identity card jittieħdu esklussivament mir-rikorrenti waħidha mingħajr ħtieġa tal-firma tal-intimat jew il-presenza tiegħu;

6. Tilqa' s-sitt talba u tordna illi kwalunkwe aċċess eżerċitat mill-missier għandu jsir bi qbil mal-minuri u għandu jiġi eżerċitat billi l-intimat missier jiġbor lill-minuri mir-residenza tal-Omm u jirritornah lura flistess residenza wara l-ħin miftiehem. Dan l-aċċess irid idur malbżonnijiet u l-impenji tal-istess minuri.

L-ispejjes ghandhom jigu divizi ugwalment bejn il-partijiet."

7. Il-konvenut ħassu aggravat b'din is-sentenza u minnha interpona appell b'<u>rikors ippreżentat fil-11 ta' Ottubru, 2024</u> li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm mogħtija, talab lil din il-Qorti "tvarja s-sentenza tal-Qorti Ċivili Sezzjoni tal-Familja tat-3 ta' Ottubru, 2024 fl-ismijiet premessi fuq ċitati billi tilqa' l-aggravji tal-esponenti appellanti kif qiegħed jiġi mitlub permezz tal-aggravji, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra r-rikorrenti appellata".

8. L-attriċi ppreżentat risposta għal dan l-appell fil-15 ta' Novembru, 2024 li permezz tagħha, għar-raġunijiet hemm mogħtija, issottomettiet li l-appell tal-konvenut għandu jiġi miċħud.

9. Il-Qorti, wara li rat l-atti kollha, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza bis-saħħa tal-**Artikolu 152 (5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**L-Appell.**

10. Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu l-konvenut (minn issa wkoll l-Appellant) jgħid illi l-manteniment ordnat fl-ammont ta' €250 fix-xahar "huwa eċċessiv" u li l-ammont ta' spejjeż (edukazzjoni, saħħa, privat tal-matematika, spejjeż mediċi u żewġ extra-kurrikulari) li ġie ordnat li jħallas "huma eċċessivi". Jispjega illi "llum il-ġurnata l-minuri m'għadux jattendi skola privata u dan b'għażla tal-istess appellata. Jissottometti li peress li l-appellata m'għadhiex tħallas miżata għal skola privata huwa m'għandux iħallas waħdu l-ispejjeż relatati mal-privat tal-matematika.

11. Ifisser illi huwa għandu bint u tarbija oħra li ser titwieled fix-xhur li ġejjin mis-sieħba tiegħu u li għalhekk għandu jittieħed kont tal-mezzi tiegħu għaliex "t-tfal jiġu mantnuti skont il-mezzi tal-ġenitur u jiġu mantnuti ugwalment". Isemmi illi l-introjtu tiegħu huwa ta' €1,134.62 fix-xahar u li apparti s-somma ta' €250 fix-xahar, huwa jrid iħallas ukoll il-privat tal-

matematika fl-intier, nofs l-ispejjeż tal-uniformi, kotba u *stationery*, nofs l-ispejjeż ta' żewġ attivitajiet extra-kurrikulari u l-ispejjeż mediċi li mhumiex koperti bil-polza ta' assigurazzjoni li nħarġet mill-appellata. Jgħid illi apparti dan irid jieħu ħsieb il-ħtiġijiet ta' bintu u tat-tarbija fuq imsemmija kif ukoll tal-ħtiġijiet tiegħu. Jgħid li l-Ewwel Qorti ma qisitx li bejn il-mezzi tal-partijiet hemm baħar jaqsam peress li l-appellata tipperċepixxi €3,000 fix-xahar. Jitlob għalhekk li l-ammont ta' manteniment ta' €250 fix-xahar jiġi ridott sabiex jirrifletti "mhux biss l-introjtu tiegħu mensili imma anke l-fatt li l-appellanti għandu bint u tarbija oħra li ser titwieled fix-xhur li ġejjin". Jitlob ukoll li l-kontribut tiegħu għal privat tal-matematika jiġi ridott bin-nofs u li għandu jaqsam mal-appellata l-ispejjeż ta' attività extra-kurrikulari waħda u mhux tnejn.

12. L-appellata tilqa' għal dan l-aggravju billi tirreferi għax-xhieda tal-appellant fejn qal in kontroeżami li meta kellu impjieg huwa dejjem ikkontribwixxa tliet mitt ewro (€300) fix-xahar għal minuri iżda riċevuti ma kienx jingħata. Għalkemm l-appellanti tikkontesta li l-konvenut kien iħallas manteniment, tissottometti illi l-ammont dikjarat mill-appellant stess juri li l-ammont ta' €250 fix-xahar ma hux wieħed eċċessiv. Tirreferi għax-xhieda ta' Yanika Spiteri, is-sieħba preżenti tal-konvenut, fejn xehdet li hija għandha tarbija mill-istess konvenut u li dan jikkontribwixxi manteniment għat-tarbija tagħha fis-somma ta' €225 fix-xahar. Tgħid illi jekk għal tarbija l-konvenut qed iħallas volontarjament is-somma ta' €225

fix-xahar, is-somma ta' €250 manteniment fix-xahar għal tifel ta' ħmistax-il sena ma hi xejn eċċessiva. Tgħid illi l-fatt li l-minuri m'għadux jattendi skola privata m'għandux jeffettwa lill-appellant peress li kienet l-appellata biss li tħallas għal din il-miżata.

**Ikkunsidrat;**

13. Din il-Qorti ssib dan l-ewwel aggravju dwar il-manteniment mensili bħala infondat. Meta l-appellant għażel li jkollu aktar ulied kien konsapevoli bl-obbligi tiegħu bħala missier ta' iben il-partijiet. Kif inżamm minn din il-Qorti fis-sentenza **Romina Xerri pro et noe v. Elvin Magri** mogħtija fis-27 ta' Frar, 2009:

> "Lanqas ma hija skuża għall-konvenut li għandu ulied oħra x'imantni minn relazzjoni sussegwenti. L-ulied huma kollha xorta u f'kull każ ladarba ġab l-ulied fid-dinja huwa obbligu tiegħu u ta' l-omm li jmantnihom. Barra minn hekk l-obbligu li wieħed imantni lil uliedu jipprexxindi jekk il-ġenitur jaħdimx jew le – ara s-sentenza **Lea Tabone vs Jesmond Tabone** deċiża fit-2 ta' Ottubru, 2003."

14. Irrispettivament minn tali kunsiderazzjoni, din il-Qorti ma ssibx il-manteniment deċiż mill-Ewwel Qorti ta' €250 bħala esaġerat jew li l-appellant qiegħed fl-impossibbiltà li jħallas. L-unika fondatezza li din il-Qorti ssib f''dan l-aggravju huwa fejn jirrigwarda l-ispejjeż relatati mal-privat tal-matematika li jattendi l-minuri. Minn qari tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Ewwel Qorti kkunsidrat li l-ispejjeż konnessi mal-privat għandu jħallashom unikament il-konvenut wara li ddeċidiet li l-miżata tal-iskola

privata tħallasha unikament l-attriċi. Tenut kont li kien hemm bdil fiċ-ċirkostanzi bil-fatt li l-minuri ma baqax jattendi skola privata, huwa raġjonevoli li l-bdil fiċ-ċirkostanzi jġib bħala konsegwenza l-bdil fil-kunsiderazzjoni dwar l-ispejjeż tal-privat. Tqis għalhekk illi minħabba ċ-ċirkostanzi li żviluppaw, ikun ġust u ekwu li anke l-ispejjeż tal-privat jitħallsu nofs mill-attriċi u nofs mill-konvenut.

15. **Mill-qbija tiċħad dan l-ewwel aggravju.**

16. Permezz tat-tieni aggravju l-appellant jgħid illi t-talbiet attriċi dwar l-arretrati ta' manteniment huma parzjalment milquta bil-preskrizzjoni kwinkwennali *ai termini* tal-Artikolu 2156 (b) tal-Kap. 16 u jikritika s-sentenza appellata li ċaħditlu din l-eċċezzjoni. Jgħid illi l-ittra uffiċjali tal-konvenuta kontrih tal-15 ta' Novembru, 2021 sabiex jirrikonixxi lill-minuri ma kienx ġie notifikat biha u li kien fis-16 ta' Novembru 2021 meta huwa aċċetta u resaq għar-rikonoxximent tal-minuri u li kien f'dak il-jum li seħħet l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni. Jgħid li għalhekk it-talba għall-arretrati ta' manteniment li jirrigwarda l-perjodu anteċedenti d-data tas-16 ta' Novembru, 2016 hija preskritta.

17. L-appellata tilqa' għal dan it-tieni aggravju billi tissottometti li l-aggravju ma hux fondat peress li quddiem l-Ewwel Qorti l-konvenut naqas milli jsegwi dak li jipprovdi Artikolu 2160 (1) tal-Kodiċi Ċivili peress li ma

kkonfermax bil-ġurament tiegħu li ma hux debitur u anqas ma sostna li ma ftakarx jekk il-manteniment kienx imħallas jew le. Tgħid li għall-kuntrarju. l-appellant xehed illi kien hemm żmien li huwa ħallas manteniment ta' €300 fix-xahar, u b'hekk ikkonferma li hu debitur. Tgħid li mill-mument li missier jiġi dikjarat tali minn Qorti ma jistax jaħrab mid-dmirijiet tiegħu sa mill-mument tat-twelid.

18. Tirreferi għall-Artikolu 2124 (1) tal-Kodiċi Ċivili u tissottometti illi l-preskrizzjoni ma timxix kontra l-minuri.

**Ikkunsidrat;**

19. L-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut wara li għamlet il-kunsiderazzjonijiet segwenti:

> "Fir-rigward l-materja tal-arretrati mitluba mill-attrici mid-datat tat-twelid tal-minuri u l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, din il-Qorti sejra taghmel referenza ghas-segwenti decisjoni tal-Qorti tal-Familja fl-ismijiet: **AB f'ismiha propju u bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri C vs DE (Cit. Nru. 1211/2000/1) deciza 24 ta' Frar 2010 mill-Onor Imhallef N Cuschieri:**
>
>> [1] Illi gjaladarba jirrizulta stabbilit, bir-rikonoxximent tal-minuri u wkoll bil-konferma bit-testijiet genitici, li dan huwa l-wild naturali tal-konvenut, allura jiskatta l-obbligu da parti l-konvenut, qua genitur, li jmantni, jew jikkontribwixxi ghall-manteniment ta' ibnu sakemm dan jsir maggjorenni;
>>
>> [2] Illi, kuntrarjament ghal dak sottomess b mod konciz ghall-ahhar mill-konvenut, dan l-obbligu tal-konvenut jirrizali ghad-data tat-twelid tat-tifel, ghax la darba "dak l-istat gie accertat, ghandu naturalment jigi accertat mill-gurnata tat-twelid, ghax huwa assurd, diversament illi [il-konvenut] ikun missier bl-obbligu inerenti mill-gurnata tas-sentenza biss u mhux qabel." Din il-Qorti tosserva ulterjorment li, kemm ir-rikonoxximent kif ukoll is-sentenza li ddikdjarat il-paternita', ghandhom biss effett dikjaratorju ta' dritt inerenti gja ezistenti.

Illi l-konvenut appella minn din id-decisjoni, izda dana l-hsieb gie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2011. Illi dan dejjem kien il-hsieb addottat mill-Qrati nostrani. Illi filfatt fil-kawza Grech v. Magri, deciza fl-20 ta' Dicembru, 1946, kienet ghamlet din l-osservazzjoni fuq l-obbligu tal-missier li jmantni lill-ibnu sa mit-twelid tat-tarbija:

"Lanqas jista' jigi obbjettat illi meta l-attrici forniet dawk l-alimenti lappellant ma kienx ghadu dikjarat, almenu in parti minnhom, missier naturali tal-minorenni, ghaliex ladarba s-sentenza ta' dina l-Qorti ddikjaratu missier naturali, dak l-istat, li ghandu jiswa quod omnes jirretroagixxi ghall-gurnata tat-twelid; ghaliex, kif jghid Laurent, Diritto Civile, VOL IV, nru. 20 et seq (ghalkemm dan l-awtur jittratta fuq ir-rikonoxximent volontarju), illi ladarba dak l-istat gie accertat, ghandu naturalment jigi accertat mill-gurnata tat-twelid, ghax huwa assurd, diversament, illi l-appellant ikun missier bl-obbligi inerenti millgurnata tas-sentenza biss u mhux qabel.

Fir-rigward il-kwistjoni tal-preskrizzjoni din il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza pjena ghal dak rilevat fid-decisjoni fl-imsijiet **AB f'isimha proprio u bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri LF nominata b'digriet tat-18 ta' Jannar 2011 Vs SF deciza nhar is-26 ta' Otturbu 2020** rigward il-preskrizzjoni tal-manteniment ghall-ulied:

> Il-konvenut eccepixxa illi t-talba attrici ghall-arretrati ta' manteniment mid-data tat-twelid tal-minuri hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156 (b) tal-Kodici Civili, u l-Qorti tqis illi jkun utli li tigi l-ewwel net ezaminata din l-eccezzjoni. Dan l-artikolu jipprovdi illi "l-azzjonijiet ghall-hlas ta' pensjoni ghall-manteniment" jaqghu bi preskrizzjoni ta' hames snin. L-artikolu 2123 (b) jipprovdi illi l-preskrizzjoni ma timxix bejn il-genitur u t-tifel …."

Din il-Qorti tqis illi gialadarba kif rilevat aktar 'l fuq, id-dikjarazzjoni tal-istat li ragel huwa il-missier naturali ta' wild jirretroagixxi ghall-gurnata tat-twelid, b'konsegwenza ta' dan, l-istess japplika ghad-drittijiet u dmirijiet tal-istess ragel qua l-missier naturali (u issa legali) ta' dak l-istess wild, liema drittijiet u dmirijiet legalment jemanu minn dana l-istess stat. Illi ghalhekk ma hemmx preskrizzjoni."

20. Skont l-Ewwel Qorti l-azzjoni għall-ħlas ta' arretrati ta' manteniment ma hiex preskrivibbli peress li l-preskrizzjoni ma timxix bejn il-ġenitur u wliedu. Il-konvenut jgħid li l-azzjoni hija preskritta għal dak li jirrigwarda manteniment pretiż għall-perjodu li jmur lura aktar minn ħames snin qabel l-ewwel att ta' interruzzjoni.

21. Permezz tal-kawża odjerna l-attriċi, f'isimha proprju u f'isem binha minuri, talbet li tiġi likwidata "somma li għandha tirrifletti dak li kien ikollu jħallas l-intimat mid-data tat-twelid tat-tarbija .... sad-data tas-sentenza effettiva 'per diem' in linea ta' manteniment għall-imsemmi minuri Timmy ... u tikkundanna lill-istess intimat iħallas lill-attriċi tali somma hekk likwidata..."

22. **Artikolu 2156 (b) tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi illi l-azzjonijiet "għall-ħlas ta' pensjoni għall-manteniment" jaqgħu bid-dekors ta' ħames snin.

23. Dwar jekk azzjoni għall-manteniment ta' minuri hix preskrivibbli, fattur rilevanti huwa jekk il-ġenituri humiex miżżewġa. Dan għaliex skont **Artikolu 2123 (a) tal-Kodiċi Ċivili** il-preskrizzjoni ma timxix bejn ir-raġel u l-mara, lanqas jekk ikun legalment separati. (Ara **Angiolina *sive* Lino Pace v. Rita Anne Pace** - Appell Superjuri - 24 ta' Novembru, 2017; **John Baptist Sammut v. Marina Ciarlò** - Appell Superjuri - 30 ta' Mejju, 2014). Mhux l-istess jingħad bejn missier u omm li ma humiex miżżewġa. Lanqas timxi l-preskrizzjoni bejn il-ġenitur u t-tifel li hu taħt is-setgħa tal-ġenituri (**Artikolu 2123 (b), Kodiċi Ċivili**). Jeħtieġ għalhekk naraw sewwasew in-natura tal-azzjoni attriċi fir-rigward tat-talba għall-ħlas ta' arretrati ta' manteniment. Il-ġurisprudenza mhux dejjem kienet konsistenti fil-klassifikazzjoni ta' din ix-xorta ta' azzjoni. Sentenzi qiesu

din l-azzjoni bħala l-azzjoni tal-ġenitur għan-nom tal-minuri kontra l-ġenitur l-ieħor; oħrajn qiesu li din hija azzjoni tal-ġenitur kontra l-ġenitur l-ieħor sabiex jiġu rkuprati spejjeż maħruġa fil-passat għat-trobbija tal-minuri.

24. Hekk pereżempju fis-sentenza **DeCesare v. Bonnici** mogħtija fil-25 ta' Novembru, 2011, din il-Qorti ddeċidiet li t-talba ta' omm kontra l-missier għall-arretrati tal-manteniment tal-minuri hija soġġetta għall-preskrizzjoni *ai termini* tal-Artikolu 2156 (b) tal-Kodidi Ċivili:

> "Il-fatt li l-omm kellha bizzejjed dhul taghha biex setghet waheda tipprovdi ghall-ghejxien ta' binha, ma jfissirx li l-missier hu mehlus milli jerfa' l-parti tieghu. La darba hu responsabbli li jmantni lill-ibnu, irid jaghmel hekk mid-data tat-twelid tat-tifel … Kif osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, "kemm ir-rikonoxximent kif ukoll is-sentenza li ddikjarat il-paternita`, ghandhom biss effett dikjaratorju ta' dritt inerenti gia` ezistenti", u kwindi d-dritt ta' manteniment beda jezisti mat-twelid tat-tifel. Ma jirrizultax li l-omm kienet xi mara gerrejja li tmur ma' diversi rgiel fi zmien qasir, u hi kienet zgur taf ma' min kellha relazzjoni u min seta' kien il-missier. Jekk kellha xi dubbji kellha tagixxi fi zmien tempestiv u mhux tliet snin wara it-twelid tat-tarbija meta l-konvenut irrikonoxxa lit-tifel bhala ibnu. Kwindi l-kontribuzzjoni tal-konvenut kif ordnat l-ewwel Qorti, ghas-snin 1993 sal-2000, f'ammont ta' €9,783, ghandha tonqos biex tkopri biss il-hames (5) snin mill1995 sal-2000, u tinzel ghalhekk ghall-€6,988"

25. Hekk ukoll fis-sentenza **Attard v. Cutajar** mogħtija minn din il-Qorti fis-27 ta' Frar, 2015:

> "Din il-Qorti tosserva li tassew li kif jghid l-artikolu fuq citat il-preskrizzjoni ma tghaddix bejn il-wild u l-genitur li ghandu s-setgha ta' genitur fuqu, izda dan ma japplikax ghall-kaz odjern, stante li dak pretiz mill-attrici, bhala manteniment arretrat, huwa fil-fatt hlas dovut lilha mill-konvenut, talli hi hallset waheda ghall-bzonnijiet tat-tifla. Fil-fatt dak li qed titlob l-attrici hija rifuzjoni ta' sehem il-konvenut mill-flus li harget hi sabiex taghmel tajjeb ghan-nuqqas tieghu. Ghalhekk ir-relazzjoni guridika issa mhijiex bejn il-konvenut u bintu, izda bejnu u bejn l-attrici f'isimha proprju.

> B'applikazzjoni tal-premess it-talba attrici fir-rigward, tinsab milquta bil-preskrizzjoni kwinkwennali mid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat fid-9 ta' Novembru 2012 lura b'hames snin, u cioe` mit-8 ta' Novembru 2007 sad-data tas-sentenza defenittiva,………."

26. Anke fil-każ li għandna quddiemna, l-azzjoni li sewwasew istitwit l-attriċi dwar arretrati ta' manteniment ma hix sabiex il-konvenut jiġi kkundannat iħallas manteniment direttament lil ibnu imma sabiex l-attriċi tirkupra mingħandu sehemu tal-ispejjeż li hija ħarġet sabiex rabbiet lil binha fil-passat. **Tali azzjoni ma hix protetta mill-effetti tal-preskrizzjoni.** Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-azzjoni tal-attriċi dwar arretrati ta' manteniment hija soġġetta għall-preskrizzjoni kwinkwennali *ai termini* tal-Artikolu 2156 (b) tal-Kodiċi Ċivili peress li l-partijiet ma humiex miżżewġa lil xulxin.

27. Iżda dan l-aggravju jfalli għaliex kif sewwa ssottomettiet l-appellata fir-risposta tagħha għal dan l-appell, il-konvenut naqas milli jottempera ruħu ma' **Artikolu 2160 (1) tal-Kodiċi Ċivili** li jipprovdi illi l-preskrizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.

28. Kif inhu magħruf, l-emendi għall-Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili, spustaw il-*ġuramento decisorio*, minn oneru ta' inizjattiva da parti ta' attur

jew konvenut rikonvenzjonant rinfaċċjati b'eċċezzjoni ta' preskrizzjoni; għal oneru ta' inizjattiva da parti tal-konvenut jew tal-attur rikonvenzjonat li ressqu eċċezzjoni ta' preskrizzjoni. L-emendi li saru għall-Artikolu 2160 kemm bis-saħħa tal-Att I tal-2017, kif ukoll bl-Att VIII tal-2017, daħlu fis-seħħ fit-13 ta' Jannar, 2017 u fl-24 ta' Frar, 2017, rispettivament. Fil-każ odjern l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ġiet intavolata ferm wara li l-emendi msemmija daħlu fis-seħħ u għalhekk kien l-oneru fuq il-konvenut illi jsegwi dak provdut fl-Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili. (Ara **Bezzina v. Grech** - Appell Superjuri (Familja) - 25 ta' Frar, 2025). Huwa biss fejn l-eċċezzjonijiet ta' preskrizzjoni jkunu ġa validament imressqa, qabel ma daħal fis-seħħ l-Artikolu 2160 kif emendat fl-2017, li ma hemmx oneru fuq il-konvenut li jsegwi Artikolu 2160. (Ara **Caruana v. Air Malta plc** - Appell Superjuri - 15 ta' Novembru, 2023).

29. Isegwi għalhekk illi, għalkemm din il-Qorti, b'differenza tal-Ewwel Qorti, tqis li l-azzjoni attriċi għall-arretrati ta' manteniment hija soġġetta għall-preskrizzjoni kwinkwennali, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tiġi akkolta peress li ma segwix Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili.

30. **Tiċħad għalhekk it-tieni aggravju tal-appellant.**

31. Permezz tat-tielet aggravju l-appellant jgħid li l-ammont likwidat ta' €34,750 bħala arretrati ta' manteniment dwar il-minuri nħadem fuq l-

ammont ta' €250 fix-xahar u huwa eċċessiv. Isemmi kif quddiem l-Ewwel Qorti tressaq jixhed rappreżentant ta' Jobplus li ppreżenta l-istorja lavorativa tiegħu "li writ li l-appellant qatt ma kien jirnexxielu jżomm impjieg għal tul taż-żmien". Jgħid illi anke l-Ewwel Qorti rrimarkat dwar dan. Isemmi kif bejn is-sena 2010 u s-sena 2014 id-dħul tiegħu kien miżeru u l-Ewwel Qorti ma ħaditx dan in konsiderazzjoni. Fl-aħħarnett jirreferi għall-għajnuna soċjali li l-attriċi kienet tirċievi peress li l-konvenut ma kienx iħallas manteniment għall-minuri fosthom *social assistance suppliment* mis-sena 2010 sas-sena 2014 ammontanti għal €19,589.39.

32. L-appellata tilqa' għal dan l-aggravju billi ssemmi illi l-introjtu li l-appellant jallega li kellu fiż-żmien in kwistjoni ma kienx l-effett ta' xi kundizzjoni medika jew inabbiltà mhux fil-kontroll tal-konvenut, imma riżultat tal-għass tiegħu. Tissottometti illi billi l-konvenut jiddikjara li fiż-żmien in kwistjoni ma kellux dħul biżżejjed m'għandux iwassal li jiġi eżonerat milli jħallas l-arretrati ta' manteniment. Issemmi kif mhux minnu li l-arretrati ta' manteniment ġew kalkolati bir-rata ta' €250 fix-xahar imma bir-rata ta' €225.65[1] fix-xahar. Issemmi kif din is-somma tinkludi fiha l-ispejjeż marbuta ma' saħħa, edukazzjoni u extra-kurrikulari peress li l-Ewwel Qorti ma llikwidat l-ebda somma oħra sabiex tkopri dawk l-ispejjeż għall-perjodu in kwistjoni. Tirreferi għal sentenza li għamel referenza għaliha l-istess appellant istitwita quddiem il-Qorti tal-Familja fis-sena

[1] €34,750 ÷ 154 xhur = €225.65

2011 fejn il-manteniment tal-minuri ġie ordnat fis-somma ta' €250 fix-xahar.

33. Dwar l-aggravju tal-appellant illi mill-ammont likwidat ta' arretrati għandha titnaqqas is-somma ta' €19,589.39 li hija rċeviet bħala assistenza soċjali supplimentari mħallas mill-Istat lill-appellata fuq medda ta' ħames snin, l-appellata tgħid li dan huwa raġunament perikoluż għaliex jagħti lok li l-oneru tal-ġenitur jiġi mgħoddi fuq l-istat. Tgħid li l-obbligu tal-manteniment tal-ulied huwa fuq il-ġenituri u mhux l-Istat.

**Ikkunsidrat;**

34. Din il-Qorti ma ssibx dan l-aggravju fondat. L-ewwelnett mhux minnu dak li jingħad fl-aggravju illi l-arretrati ta' manteniment ġew kalkolati bir-rata ta' €250 fix-xahar imma bir-rata ta' €225.65. Din il-Qorti, bħal l-Ewwel Qorti qabilha, ma hix impressjonata bir-raġunament tal-appellant illi fiż-żmien rilevanti ma kellux dħul peress li f'kull impieg li kellu kien idum biss ftit ġimgħat. L-appellant ma ressaq l-ebda ġustifikazzjoni għaliex kien idum perjodu qasir f'impieg ġdid meta kien jaf illi għandu wild. L-ebda prova ta' debilità ma tirriżulta in atti li kienet timpedih milli jaħdem u jkollu dħul adegwat. Bil-mod kif l-appellant kien imur għal impieg ġdid, l-impieg ġdid jiġi reġistrat ma' Jobplus u wara ftit jabbanduna l-impieg,

aktar turi li l-appellant kien allerġiku li jaħdem bil-ktieb milli li ma kienx kapaċi jżomm impieg.

35. Dwar l-għajnuna soċjali li l-appellata kienet tirċievi fiż-żmien in kwistjoni, din mhix materja li għandha tikkonċerna lill-appellant. L-għajnuna tal-Istat f'ċirkostanzi bħal dawn ma hix hemm sabiex teżonera lill-ġenitur mill-obbligu li jħallas manteniment. Jekk l-awtorità kompetenti jidhrilha li mal-ħlas da parti tal-konvenut lill-attriċi tal-arretrati ta' manteniment jiskaturixxu xi obbligi da parti tal-attriċi versu l-istat, dik hija materja li ma għandha l-ebda effett fuq l-obbligu tal-konvenut li jħallas l-arretrati ta' manteniment dwar il-minuri.

36. **Għaldaqstant tiċħad it-tielet aggravju tal-appellant.**

**Deċiżjoni**.

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti:

1. **Tiċħad** it-tieni u t-tielet aggravju;

2. **Tilqa'** parzjalment l-ewwel aggravju limitatament fejn jirrigwarda l-ispejjeż tal-privat tal-matematika tal-minuri, u timmodifika s-sentenza appellata billi tordna li dawn l-ispejjeż jinqasmu nofs mill-attriċi u nofs mill-konvenut u mhux kif ordnat fis-sentenza appellata;

3. **Mill-bqija** tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

4. **Bl-ispejjeż** ta’ dan l-appell a karigu tal-konvenut appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss